

Brussell, 6 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10602/24

LIMITE

JAI 926
MIGR 254
ASIM 51
SOC 416
EMPL 240
EDUC 198
CODEC 1414
IA 134

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.	9855/1/24 REV 1
Nru dok. Cion:	15550/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE - Approċċ ġenerali

I. SFOND

1. Fis-16 ta' Novembru 2023, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE¹.

¹ 15550/23+ADD 1.

2. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi pjattaforma għall-UE kollha, l-hekk imsejħa Riżerva ta' Talent tal-UE, maħsuba biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, billi tqabbel l-impjegaturi fl-UE ma' persuni li qed ifittxu impjieg f'pajjiżi terzi għal okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema fl-UE kollha. Il-proposta tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni, l-arkitettura tas-sistema tal-IT, l-istruttura ta' governanza, ir-regoli għall-persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg u l-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u s-servizzi ta' appoġġ.
3. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 79(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva ordinarja).
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' April 2024¹. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (Ammissjoni) iddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2023, l-10 ta' Jannar 2024, is-6 ta' Frar 2024, it-8 ta' Marzu 2024, it-8 ta' April 2024, u t-2 ta' Mejju 2024. Il-Kunsilliera ĠAI tal-IMEX (Ammissjoni) iddiskutew il-proposta fit-30 ta' Mejju 2024 u qablu dwar it-test fl-anness ta' din in-nota.
6. F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' ittra bid-data tal-5 ta' Marzu 2024, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
7. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) għandu r-responsabbiltà ewlenija. Abir Al-Sahlane (Grupp Renew Europe) inħatar rapporteur.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

II. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

8. It-test ta' kompromess żamm in-natura volontarja tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, u b'hekk lill-Istati Membri ħallielhom l-għażla li jingħaqdu magħha jew le. L-Istati Membri interessati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw sa mhux aktar tard minn 9 xhur minn qabel, kif propost mill-Kummissjoni (l-Artikolu 3).
9. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, ir-Regolament ma japplikax aktar awtomatikament għall-impjegaturi, għall-aġenziji tax-xogħol temporanju, għall-aġenziji ta' impjieg privat u għall-intermedjarji tas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri jistgħu, meta jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jindikaw it-tipi ta' entitajiet li ser jitħallew jieħdu sehem fir-Riżerva ta' Talent tal-UE (l-Artikoli 2 u 3).
10. It-test ta' kompromess introduċa wkoll il-possibbiltà ta' rtirar mir-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'għadd ta' regoli u salvagwardji biex jiġi żgurat mekkaniżmu stabbli u operazzjonali (l-Artikolu 3). L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel id-data li biħsiebhom jirtiraw u r-regoli eżistenti fir-rigward tal-kanċellazzjoni netta jew l-irkupru tal-finanzjament tal-Unjoni ser japplikaw skont il-każ.
11. Fl-Artikolu 4, ġie ċċarat li l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra biss li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti fejn normalment taħdem il-persuna li qed tfittex impjieg ikunu jistgħu jużaw ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jippubblikaw il-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom. Dan biex jiġi żgurati Prattiki ġusti ta' reklutaġġ u konformità mal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza eżistenti mill-impjegaturi parteċipanti u minn entitajiet parteċipanti oħra. Barra minn hekk, l-aċċess tal-impjegaturi parteċipanti u ta' entitajiet parteċipanti oħra fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jiġi sospiż, rifjutat jew irtirat f'każ ta' ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali, u b'riżultat ta' dan, il-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom immedjatament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT (l-Artikoli 10 u 13).

12. Fl-Artikolu 12, il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ser tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg li rċevew appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet, jew fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent jew qafas nazzjonali maqbul bejn l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi sħab. Il-persuni li qed ifittxu impjieg ser ikunu jistgħu jabbinaw il-profil tagħhom ma' dawn l-oqfsa u l-profil tagħhom ser jiġu mmarkati kif xieraq fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. F'dan is-sens, il-"pass tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" kif propost mill-Kummissjoni ma għadux rilevanti u ma nżammx fit-test ta' kompromess.
13. Fir-rigward tal-aġġustamenti mill-Istati Membri għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jinnotifikaw tali aġġustamenti lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kull sitt xhur minflok darba fis-sena kif propost inizjalment mill-Kummissjoni.
14. Sabiex ir-regoli rilevanti applikabbli fl-Istati Membri differenti jsiru faċilment aċċessibbli, it-test ta' kompromess iżomm l-obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni online dwar il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ, immigrazzjoni u rikonoxximent (l-Artikolu 17). Fir-rigward tal-persuni li qed ifittxu impjieg li ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti, il-Punti ta' Kuntatt tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jipprovdu informazzjoni speċifika dwar, fost l-oħrajn, il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja, id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u l-miżuri ta' integrazzjoni nazzjonali, iżda mingħajr l-obbligu li tiġi pprovduta assistenza personalizzata minħabba l-piż amministrattiv li dan jista' jinvolvi.
15. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 19 iżomm il-possibbiltà li l-Istati Membri parteċipanti jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, f'konformità mal-liġi nazzjonali. In-natura fakultattiva ta' dawn id-dispożizzjonijiet issaħħet. It-test ta' kompromess jiċċara wkoll li l-għażla għal post tax-xogħol vakanti permezz tal-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ma tiggarrantixxix li permess tax-xogħol, viża jew permess ta' residenza jinħarġu mill-Istat Membru parteċipanti.

III. KONKLUŻJONI

16. Il-Presidenza tqis li l-kompromess jirrappreżenta approċċ ġust u bbilanċjat li jqis il-fehmiet espressi minn maġġoranza tal-Istati Membri.
17. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - (a) jikkonferma l-qbil dwar it-test li jinsab fl-Anness¹ ta' din in-nota, u
 - (b) jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, biex il-Presidenza tkun tista' twettaq negozjati interistituzzjonali abbażi tiegħu.

¹ Il-modifiki fir-rigward tal-proposta oriġinali huma indikati b'**tipa grassa** jew bi [...].

2023/0404 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI
JISTABBILIXXI RIŻERVA TA' TALENT TAL-UE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 79(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.
- (2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE **inkluż billi jsir użu aħjar tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109 u d-Direttiva 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll tan-network EURES**, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attrawenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni wehidthom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.
- (3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE⁷ thegħgeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali⁸. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.
- (5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-oġettiv. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali **u tal-Unjoni** eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.

⁸ "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplementaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: <https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html>.

- (6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti [...]. Impjegatur parteċipanti huwa impjegatur li l-postijiet tax-xogħol vakanti tiegħu jsiru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur. Ladarba dawn il-postijiet vakanti jitneħħew mill-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-impjegatur ma jibqax jitqies bħala impjegatur parteċipanti. Entitajiet parteċipanti oħra jistgħu jiġu inklużi wkoll fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Il-kunċett ta' entità parteċipanti oħra jirreferi għal aġenzija tax-xogħol temporanju, aġenzija ta' impjieg privat jew intermedjarju tas-suq tax-xogħol, li l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħha jkunu saru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità parteċipanti l-oħra. Ladarba dawn il-postijiet vakanti jitneħħew mill-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-entità l-oħra ma tibqax titqies bħala entità parteċipanti oħra. Aġenzija tax-xogħol temporanju għandha tinftiehem bħala t-terminu definit fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1(b), tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Aġenzija ta' impjieg privat għandha tinftiehem bħala t-terminu definit fil-Konvenzjoni 181 tal-ILO mill-1997.
- (6a) Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jitqiesu bħala magħżula għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE meta jkunu qed jiġu offruti impjieg li jippermetti lill-persuna li qed tfittex impjieg tidħol f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE fejn l-impjegatur parteċipanti jew l-entità parteċipanti l-oħra tkun stabbilita u fejn ser tkun qed taħdem normalment il-persuna li qed tfittex impjieg.

- (7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent **u oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz. Is-Sħubijiet ta' Talent**[...] huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil⁹ u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE¹⁰. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun minghajn preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jgħidli żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-**gasam tal**-impjiegi [...] u wieħed mill-**gasam tal**-immigrazzjoni [...]. **L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li dawn ir-rappreżentanti jkunu kkumplementati minn żewġ membri supplenti li jkunu jistgħu jirrappreżentawhom fin-nuqqas tagħhom.**
- (9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż il-mezz ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti[...].
- (10) Jenħtieġ li jiġi żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi.

⁹ [COM/2020/609 final](#).

¹⁰ [COM/2022/657 final](#).

(11) Jenħtieġ li l-format tal-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589¹¹ li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra**, u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra**, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO [...] għat-**trażmissjoni** ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkondizzjoni awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj>.

- (12) Jenħtieġ li l-kompiti jiġu assenjati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiġu żgurati l-funzjonijiet ta' tiftix u tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li dawn il-kompiti jitqiesu bħala kompiti mwettqa fl-interess pubbliku li għat-twettiq tagħhom huwa meħtieġ li tiġi pproċessata data personali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2018/1725¹², u fl-Artikolu 6(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2016/679¹³, rispettivament. Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' data personali jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mar-Regolamenti (UE) 2018/1725 u (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (13) Jenħtieġ li l-ipproċessar għall-fini tal-funzjonijiet ta' tiftix u tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jkun limitat għad-data personali meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi [...] u l-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]**, li tippermetti t-tiftix u t-tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, kif ukoll għall-ġbir tad-data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent. Jenħtieġ li dan ma jkunx jirrikjedi l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali msemija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

- (14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt [...] jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestrinġu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, [...] l-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profilu, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.
- (15) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom li jinfurmaw lis-suġġetti tad-data dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ ukoll li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jinfurmaw lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg, [...] lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra** [...] fir-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom li jirrestrinġu teknikament l-aċċess għad-data personali tagħhom u li jitolbu, fi kwalunkwe ħin, it-tħassir jew il-modifika tad-data personali tagħhom inkluża fil-profilu tagħhom.

(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni gudidizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, ma jitħallew jirreġistraw il-profilu tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux ser jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profilu tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward, **inkluż dwar it-tħassir tal-profilu ta' dawn il-persuni li qed ifittxu impjieg mill-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Barra minn hekk, matul il-proċeduri tal-immigrazzjoni mwettqa mill-Istati Membri, jistgħu jitwettqu l-kontrolli meħtieġa fil-bażijiet ta' data rilevanti nazzjonali u tal-UE bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, li fiha allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumieħ intitolati jidħlu jew jibqgħu fiż-żona Schengen. Fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiżi terzi ma tkunx garanzija li l-kontrolli tas-sigurtà jkunu twettqu.**

¹⁴ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj>).

- (17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jgħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass¹⁵ li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.
- (18) Fejn meħtieġ, jenħtieġ li r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni minn pajjiżi terzi u rreġistrati li qed ifittxu impjieg jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg [...], tal-impjegatur **parteċipanti jew ta' entità parteċipanti oħra** f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inkluż Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. [...] Jenħtieġ li l-informazzjoni online dwar il-proċeduri eżistenti ta' rikonoxximent u validazzjoni fil-livell nazzjonali tkun disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li tiġi pprovduta [...] **informazzjoni speċifika** mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE **lil persuni minn pajjiżi terzi u rreġistrati li qed ifittxu impjieg li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.**

¹⁵ Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-ġenri ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj>).

(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jistgħu jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet [...]. Dan il-programm ta' żvilupp u validazzjoni tal-ħiliet jista' jiġi appoġġat finanzjament mill-Unjoni Ewropea jew jista' jkun parti minn inizjattiva jew ftehim bilaterali ta' Stat Membru fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent. Il-ħiliet żviluppati jew ivalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jistgħu jiġu ċċertifikati skont il-kundizzjonijiet determinati mill-Istati Membri fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent li jkunu qed jipparteċipaw fiha. [...]

(19a) Il-persuni li qed ifittxu impjieġ minn pajjiżi terzi jistgħu jirċievu wkoll appoġġ permezz ta' oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi. Dawn l-oqfsa huma appoġġati finanzjament minn Stat Membru u/jew minn finanzjament tal-Unjoni barra mill-kuntest ta' Sħubija ta' Talent. Fir-rigward tar-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba f'pajjiżi terzi fil-kuntest ta' tali qafas nazzjonali, tapplika l-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

(20) [...] Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jippubblika l-lista ta' pajjiżi terzi u Stati Membri li jipparteċipaw fi Sħubijiet ta' Talent fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jippubblika wkoll lista ta' oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi, inkluż il-pajjiżi terzi li jieħdu sehem f'dawn l-oqfsa, u informazzjoni dwar l-appoġġ speċifiku pprovdut f'dawn l-oqfsa, li l-Istati Membri parteċipanti għażlu li jabbina mar-Riżerva ta' Talent tal-UE, fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

(21) [...]

(21a) Jenħtieġ li l-persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg u li bbenefikaw minn appoġġ speċifiku fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jew qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi ikunu jistgħu jabbina il-profil tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE mas-Sħubija ta' Talent jew mal-qafas nazzjonali. Jenħtieġ li l-profil tagħhom jiġi mmarkati kif xieraq fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra ikunu jistgħu jiffiltraw il-profil ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li ikunu pparteċipaw fi Sħubija ta' Talent jew f'qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi. Dan jista' jhegheg lill-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni.

(22) [...] Jenħtieġ li l-attivitajiet kollha mwettqa fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jirrispettaw [...] id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi minimi, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, it-taħriġ, u l-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol. F'konformità wkoll [...] [...] mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tiżgura impjegi ta' kwalità u kompetizzjoni ġusta.

(23) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (International Labour Organisation, ILO) fil-"Prinċipji ġenerali u l-linji gwida operazzjonali tagħha għal reklutaġġ ġust" tistabbilixxi għadd ta' standards dwar il-protezzjoni adegwata tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi kontra reklutaġġ iġust. Jenħtieġ li l-impjegaturi **u entitajiet oħra li jipparteċipaw jew li pparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE** jikkonformaw mad-dritt u l-prattika applikabbli tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trattament ugwali tal-persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg fir-rigward ta' ċittadini tal-Istati Membri parteċipanti jiġi żgurat ukoll mill-impjegaturi **parteċipanti u minn entitajiet parteċipanti oħra** f'konformità mad-Direttiva **2024/1233** [...] ¹⁶, id-Direttiva 2014/36/UE ¹⁷, id-Direttiva 2021/1883/UE ¹⁸ u d-Direttiva 2016/801/UE ¹⁹. F'konformità mad-Direttiva 2019/1152/UE ²⁰, jenħtieġ li l-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...] jipprovdu lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi informazzjoni bil-miktub u b'lingwa li tinftiehem **faċilment** dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg fil-bidu tal-impjieg. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tinkludi mill-inqas il-post u t-tip ta' xogħol, id-durata tal-impjieg, ir-rimunerazzjoni, is-siġhat tax-xogħol, l-ammont ta' kwalunkwe liv bi ħlas u, fejn applikabbli, kundizzjonijiet tax-xogħol rilevanti oħrajn. Jenħtieġ li impjegatur **parteċipanti jew entità parteċipanti oħra** la titlob ħlas għar-reklutaġġ u lanqas tipprojbixxi lil ħaddiem milli jibda impjieg ma' impjegaturi oħrajn, barra mill-iskeda tax-xogħol stabbilita

-
- ¹⁶ Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1–9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/98/oj>).
- ¹⁷ Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/36/oj>).
- ¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2021/1883/oj>).
- ¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/801/oj>).
- ²⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1152/oj>).

ma' dak l-impjegatur, u lanqas ma jissoġġetta lil ħaddiem għal trattament avvers biex jagħmel dan. Jenħtieġ li impjegaturi **parteċipanti u entitajiet** parteċipanti **oħra** [...] jikkonformaw **f'kull ċirkostanza** mad-Direttiva 96/71/KE²¹ kif emendata mid-Direttiva 2018/957 **u d-Direttiva 2020/1057** meta jistazzjonaw ħaddiema fil-qafas tal-forniment ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg stabbiliti fihom [...]. **Jenħtieġ li l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra jikkonformaw ukoll mal-ġurisprudenza rilevanti, bħall-obbligu li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu stazzjonati fi Stat Membru biss jekk ikunu legalment u abitwalment impjegati fl-Istat Membru tad-dħul u jqisu wkoll il-leġislazzjoni rilevanti tal-Istat Membru ospitanti.**

(23a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-impjegaturi kollha u entitajiet oħra li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu konformi mal-liġi u l-prattika rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali rigward il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa responsabbli għar-rifjut, is-sospensjoni jew l-irtirar tal-aċċess għall-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' dawk l-impjegaturi u entitajiet oħra li jipparteċipaw jew li pparteċipaw f'każ li l-ksur tagħhom tal-liġi u l-prattika rilevanti jiġi nnotifikat lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu li l-aġenziji tax-xogħol temporanju, l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol u l-aġenziji ta' impjieg privat li jkunu ssodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' dawk l-aspetti, kif definiti mil-liġi nazzjonali, jenħtieġ li ma jiġux sospiżi jew irtirati mir-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala konsegwenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni u l-liġi u l-prattika nazzjonali rilevanti minn impjegatur. Jenħtieġ li tali miżuri jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat.

²¹ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1996/71/oj>).

(24) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ta' kwalità għolja, jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** jkollhom aċċess għal lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u ta' postijiet tax-xogħol vakanti abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti. Il-lista hija ġġenerata mill-għodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

(24a) Jenħtieġ li l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra jistinkaw għal għażla bir-reqqa tal-kandidati u valutazzjoni inizjali tal-profil u l-kwalifiki ta' persuni li qed ifittxu impjieg u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-persuna li qed tfittex impjieg għall-post tax-xogħol vakanti, fir-rigward ta' reklutaġġ ġust.

(25) Jenħtieġ li l-pjattaforma tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tissodisfa l-ħtiġijiet stabbiliti fis-suq tax-xogħol u ma sservix bħala mezz biex tisposta jew taffettwa b'mod negattiv il-forza tax-xogħol eżistenti jew inkella timmina x-xogħol deċenti jew il-kompetizzjoni ġusta. Sabiex jiġu appoġġati aħjar l-isforzi tal-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' ħaddiema eżistenti u futuri, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE timmira għal impjegi speċifiċi fil-livelli kollha ta' ħiliet, abbażi tal-aktar impjegi komuni b'nuqqas ta' ħaddiema fl-Unjoni u tal-impjegi b'kontribuzzjoni diretta għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Sabiex il-postijiet tax-xogħol vakanti jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-swieq tax-xogħol nazzjonali **kif ukoll tal-politiki ta' migrazzjoni** u billi l-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Anness titqies bħala punt tat-tluq, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jitħallew jinnotifikaw lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biż-żieda jew bit-tneħħija ta' impjegi speċifiċi b'nuqqas ta' ħaddiema. **L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-aġġustamenti għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha jridu jikkorrispondu għal ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol fil-livell nazzjonali jew reġjonali. F'każ ta' ħtiġijiet reġjonali speċifiċi tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jkun responsabbli għall-iffiltrar tal-postijiet tax-xogħol vakanti sabiex jikkorrispondu għad-dimensjoni territorjali rilevanti meta jsiru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.** Jenħtieġ li tali notifiċi jkollhom impatt biss fuq il-konkordanzi għall-postijiet tax-xogħol vakanti sottomessi mill-Istat Membru rispettiv. Jenħtieġ li la l-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE u lanqas in-notifiċi tal-Istati Membri ma jaffettwaw il-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni **u, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali, l-eżami tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol.**

- (26) Jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli għall-persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi **u entitajiet oħra li jkunu interessanti jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent**, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri parteċipanti. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. **Jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jipprovdu informazzjoni dwar il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fir-rigward tat-tipi ta' entitajiet li huma permessi jagħmlu disponibbli postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.**
- (27) Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jiżgura li informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-proċeduri tal-immigrazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, id-drittijiet **u l-obbligi** taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, [...] mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ inġusti, **kif ukoll miżuri ta' appoġġ disponibbli fil-kuntest ta' perkorsi tax-xogħol komplementari għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li jirrisjedu barra mill-Unjoni**, fl-Istati Membri parteċipanti tkun disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu l-informazzjoni rilevanti mas-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. **F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreferu għal sorsi eżistenti ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-Unjoni.** [...]

(28) Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun disponibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri parteċipanti. **Il-possibbiltà ta' integrazzjoni ta' mekkaniżmi għat-traduzzjoni awtomatika tal-kontenut f'lingwi oħra fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tiġi eżaminata mis-Segretariat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.**

(29) Jenħtieġ li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jappoġġaw l-għoti ta' informazzjoni lil persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha, kif ukoll dwar l-Istati Membri parteċipanti.

(29a) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jkunu parti mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u li fil-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jkunu responsabbli biex jagħmlu postijiet tax-xogħol vakanti disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku. Fejn jikkonċerna post tax-xogħol vakanti magħmul disponibbli għall-pubbliku mis-servizz pubbliku tal-impjiegi u bħala konsegwenza ġie ppubblikat fuq il-Portal tal-EURES, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jagħmel disponibbli postijiet tax-xogħol vakanti eliġibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fuq talba ta' impjegatur jew entità oħra interessata li tipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent.

(30) [...] **Jenħtieġ li** l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE [...] jipprovdu informazzjoni speċifika standardizzata[...] **lil persuni minn pajjiżi terzi u rreġistrati li qed ifittxu impjieg li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, lill-impjegaturi parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra**. [...] Jenħtieġ li l-informazzjoni **speċifika tinkludi informazzjoni** dwar il-viżi u l-permessi ta' residenza rilevanti għall-finijiet ta' xogħol fl-Istat Membru parteċipanti, inkluż fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħall-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni. **Jenħtieġ li** [...] tiġi pprovduta informazzjoni [...] speċifika [...] dwar il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja, u miżuri eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa u taħriġ vokazzjonali. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi wkoll mekkaniżmi **ta' lmenti u** ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti. **Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent u li huma eliġibbli għall-parteċipazzjoni f'perkors tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru, jibbenefikaw minn informazzjoni speċifika mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali rilevanti tar-Riżerva ta' Talent tal-UE inkluż fir-rigward tal-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar u appoġġ għall-integrazzjoni mal-wasla**. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu informazzjoni lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra** [...] dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mas-sigurtà soċjali, mal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, mat-tassazzjoni, mal-kwistjonijiet relatati mal-kuntratti tax-xogħol, mad-drittijiet tal-pensjoni u mal-assigurazzjoni tas-saħħa.

(30a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni speċifika standardizzata lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż b'mezzi elettroniċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jkunu jistgħu jirreferu għas-sorsi xierqa ta' informazzjoni u/jew l-awtoritajiet kompetenti.

(31) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi żgurata **l-applikazzjoni [...]** effettiva tal-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, **b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri, f'konformità mal-liġi nazzjonali, bil-ħsieb li jinkiseb permess tax-xogħol u permess ta' residenza fi Stat Membru għal finijiet ta' xogħol. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax id-drift tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 79(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). [...]**

(31a) L-iskop ewlieni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa li tappoġġa r-reklutaġġ ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jirrisjedu barra mill-Unjoni u postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi parteċipanti u ta' entitajiet parteċipanti oħra stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti. Għalhekk, fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdi informazzjoni ċara li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-għażla għal post tax-xogħol vakanti permezz tal-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mhumix garanzija li wara l-proċess tal-għażla jinħareġ permess tax-xogħol, viża jew permess ta' residenza mill-Istat Membru parteċipanti li fih ikun stabbilit l-impjegatur parteċipanti jew entità parteċipanti oħra.

(31b) Barra minn hekk, biex ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni jsir aktar faċli u aktar malajr għall-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra**, l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, b'mod partikolari fir-rigward [...] tal-**ħruġ** ta' viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol u l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni **u/jew ir-rekwiżiti għall-verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol**. [...] **Il-prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dawn** il-proċeduri aċċellerati tal-immigrazzjoni **fost l-Istati Membri** jistgħu jiġu [...] **diskussi** fil-kuntest tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

(31c) Barra minn hekk, biex jiġu żgurati regoli ta' mobilità ġusti, filwaqt li titqies il-kwistjoni speċifika marbuta mal-attività ekonomika tal-entitajiet parteċipanti l-oħra, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jorganizzaw arranġamenti speċifiċi għall-monitoraġġ tal-attività tal-entitajiet parteċipanti l-oħra, fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-servizzi ta' spezzjoni jekk meħtieġ, b'rabta mal-monitoraġġ ta' ħaddiema mobbli mhux tal-UE preżenti fit-territorji tagħhom.

(32) Billi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha mmirata biex tindirizza n-nuqqasijiet ta' ħaddiema fil-livell tal-Unjoni billi tiffaċilita r-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' mezzi effettivi u l-viżibbiltà limitata fil-livell globali, iżda minflok, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu daww l-oġġettivi.

- (33) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat reklutaġġ internazzjonali għust, jenħteġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħteġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħteġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³.

²² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (35) [...] Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni u l-aġġornament ta' standards tekniċi għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profilu għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża wkoll għall-adozzjoni ta' standards tekniċi għall-adozzjoni tas-subkategoriji ta' data personali li għandhom jiġu pproċessati, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inkluż regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
- (36) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 6 tat-TUE.
- (37) Jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twelid, l-opinjoni politiki jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-shubja ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, idizabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol.

- (38) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (39) [...] [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, permezz ta' ittra tal-**5 ta' Marzu 2024**...], ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:
 - (a) l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni u l-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-kooperazzjoni bejniethom;
 - (b) il-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-servizzi ta' appoġġ relatati;
 - (c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u impjegaturi **u entitajiet oħra**;
 - (d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi **li bbenefikaw [...] minn appoġġ speċifiku fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jew qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz.**

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Parteċipazzjoni u rtirar

1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu jipparteċipa **u jindika t-tipi ta' entitajiet permessi jagħmlu disponibbli postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.** Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi **u entitajiet oħra** stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu [...] **jsiru disponibbli fuq** [...] il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
- 1a. **Stat Membru parteċipanti jista' jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu mir-Riżerva ta' Talent tal-UE fi kwalunkwe ħin. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 6 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jirtira.**

Mid-data tan-notifika, il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi parteċipanti u ta' entitajiet parteċipanti oħra stabbiliti f'dak l-Istat Membru ma għandhomx jibqgħu disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

L-irtirar ta' Stat Membru fl-ewwel sentejn ta' parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jirriżulta fil-kanċellazzjoni jew l-irkupru nett tal-finanzjament kollu tal-Unjoni pprovdut sad-data tal-irtirar. Wara t-tieni sena ta' parteċipazzjoni, l-irtirar ta' Stat Membru għandu jirriżulta fil-kanċellazzjoni jew l-irkupru nett ta' kwalunkwe finanzjament tal-Unjoni diġà mħallas għal kwalunkwe perijodu wara d-data tal-ħruġ f'konformità mar-regoli applikabbli.
2. L-informazzjoni dwar l-Istati Membri parteċipanti għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) "Stati Membri parteċipanti" tfisser Stati Membri li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;
 - (3) [...]
- (3a) "impjegatur parteċipanti" huwa impjegatur li l-postijiet tax-xogħol vakanti tiegħu jisru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur.**
- (3b) "entità parteċipanti oħra" tfisser aġenzija tax-xogħol temporanju, aġenzija ta' impjieg privat jew intermedjarju tas-suq tax-xogħol li l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħha jkunu disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif mibgħuta mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità parteċipanti l-oħra, kif permess mil-leġislazzjoni nazzjonali.**
- (4) "profil" tfisser l-informazzjoni pprovduta minn persuna li tfittex impjieg minn pajjiż terz permezz ta' format standard tad-data bl-iskop li tfittex impjieg permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

- (5) "mezz ikkoordinat uniku" tfisser is-servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri parteċipanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.

(5a) "post tax-xogħol vakanti" tfisser offerta ta' impjieg li tippermetti lill-persuna li qed tfittex impjieg li tkun intgħażlet tidħol f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru parteċipanti fejn ikun stabbilit l-impjegatur parteċipanti jew l-entità parteċipanti l-oħra u fejn normalment taħdem il-persuna li qed tfittex impjieg;

KAPITOLU II

ARKITETTURA TAS-SISTEMA TAL-IT

Artikolu 5

Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.
2. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun magħmula minn:
 - (a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri parteċipanti [...] **jibagħtu** l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri parteċipanti;
 - (c) l-infrastruttura teknika biex jinġabru u jinżammu l-profilu ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi;
 - (d) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra** [...] biex ifittxu persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex ifittxu postijiet tax-xogħol vakanti;
 - (e) l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil;
 - (f) il-mezz ta' komunikazzjoni sigur li jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra** [...] jikkomunikaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inkluż l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profilu għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).
4. L-Istati Membri parteċipanti u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.

Artikolu 6

Proċessar ta' data personali

1. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jipproċessa d-data personali ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u dawk tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** biss sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 8. Meta jipproċessaw id-data personali għal dan il-għan, is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jaġixxi bħala kontrollur tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.
2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipproċessaw id-data personali tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** u tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi biss sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 10. Meta tiġi pproċessata data personali għal dan il-għan, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jaġixxu bħala kontrolluri tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. Il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.
4. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinformaw lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra [...]** dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data, kif ukoll dwar id-drittijiet tagħhom skont il-paragrafi 6 u 7.
5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu jkollhom id-dritt [...] li jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom.
6. Il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profilu tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profilu jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

7. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jagħmel id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** disponibbli għal tfittxijiet u tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]**, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Id-data tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...]** għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkludha fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profil tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inkluż regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

KAPITOLU III

GOVERNANZA

Artikolu 7

Struttura

1. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tikkonsisti minn:
 - (a) is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (b) il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (c) il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Artikolu 8

Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

1. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
2. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli biex:
 - (a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (b) jistabbilixxi u jiġġestixxi l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-servizzi tal-IT relatati meħtieġa għall-funzjonament tagħha, b'mod partikolari bl-użu tal-infrastruttura teknika diġà disponibbli fil-livell tal-Unjoni, fejn rilevanti;
 - (c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3([...] **2**), l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12 [...] (**7**), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2);

- (d) iħejji l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
- (e) jiġbor id-data rilevanti għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20;
- (f) ilaqqa' laqgħat regolari tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemija fl-Artikolu 10 biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

1. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa stabbilit. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa responsabbli biex:
 - (a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;
 - (ab) jiffaċilita l-iskambju bejn l-Istati Membri parteċipanti rigward l-aġġustamenti tagħhom għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha skont l-Artikolu 15(1);**
 - (b) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (c) jiffaċilita l-għbir tad-data rilevanti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemija fl-Artikolu 20;
 - (d) **jiskambja prattiki rigward** [...] l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 19.

2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. **Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar żewġ rappreżentanti, espert fil-qasam tal-impjieg u espert fil-qasam tal-immigrazzjoni.** L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.
3. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena, jew fuq bażi ad hoc meta jkun meħtieġ. Il-laqgħat għandhom jissejħu u jiġu ppreseduti mill-Kummissjoni.
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali [...] fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

Artikolu 10

Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar **entità li għandha taġixxi bħala** [...] l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE **tiegħu**. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li **l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jkun magħmul minn esperti li ġejiin minn** awtoritajiet **nazzjonali** rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni [...]. **Fejn rilevanti, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jiddependi fuq awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra għall-finit-t-twettiq tal-kompiti stipulati fil-paragrafu 2.**
2. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun responsabbli biex:
 - (a) jiffaċilita l-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5;

- (b) **jagħmel** [...] postijiet tax-xogħol vakanti **disponibbli** [...] **fuq** il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku [...];
- (c) **fejn applikabbli**, jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE [...] dwar kwalunkwe [...] aġġustament fil-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;
- (d) iżomm reġistru tal-impjegaturi **parteciċipanti u entitajiet parteciċipanti oħra** [...];
- (e) **jirrifjuta**, jissospendi **jew jirtira** l-aċċess **għall-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE** ta' **dawk** l-impjegaturi **u entitajiet oħra li jipparteċipaw jew li pparteċipaw** [...] [...] f'każ li l-ksur tagħhom tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) jiġi nnotifikat lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti **u t-tneħħija tal-postijiet tax-xogħol vakanti relatati mill-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE**;

- (f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE **skont l-Artikolu 17(1) [...]** u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 20;
- (g) jipprovdi informazzjoni **speċifika [...]** lil persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi **li ntgħażlu għal post tax-xogħol battal fir-Riżerva ta' Talent tal-UE** u lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra [...]** f'konformità mal-Artikolu 17**(2)**.
3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru parteċipanti għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV
REĠISTRAZZJONI TA' PERSUNI LI QED IFITTXU IMPJIEG MINN
PAJJIŻI TERZI U L-PARTEĊIPAZZJONI TA' IMPJEGATURI U
ENTITAJIET OĦRA FIR-RIŻERVA TA' TALENT TAL-UE

Artikolu 11

Reġistrazzjoni u aċċess ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi

1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi [...] **għandhom** joħolqu l-profil tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE. **Il-profil ta' persuni li qed ifittxu impjieg li għamlu dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward għandhom jitħassru mill-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.**
3. Il-profil ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...].
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti.

Reġistrazzjoni tal-profil u aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent u oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi

1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jew li jimplimentaw oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiżi terzi [...]
2. [...] Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li bbenefikaw minn appoġġ speċifiku fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jistgħu jabbinaw il-profil tagħhom mas-Sħubija ta' Talent u jindikaw il-ħiliet żviluppati u vvalidati f'dak il-kuntest. Dawn il-profili għandhom jiġu mmarkati kif xieraq fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
3. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li bbenefikaw minn oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi jistgħu jabbinaw il-profil tagħhom ma' dawn l-oqfsa u jindikaw il-ħiliet żviluppati u vvalidati f'dak il-kuntest. Dawn il-profili għandhom jiġu mmarkati kif xieraq fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. [...]

[...]

[...]

4. [...]

5. [...]

6. [...]

7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u Stati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent għandha tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE [...]. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika wkoll lista ta' oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz, inkluż il-pajjiżi terzi li jieħdu sehem f'dawn l-oqfsa u informazzjoni dwar l-appoġġ speċifiku pprovdut f'dawn l-oqfsa, li l-Istati Membri parteċipanti għażlu li jabbinaw mar-Riżerva ta' Talent, fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Artikolu 13

Parteċipazzjoni tal-impjegaturi u entitajiet oħra fir-Riżerva ta' Talent tal-UE

1. L-impjegaturi u entitajiet oħra interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE [...] għandhom jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex [...] jagħmel il-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom disponibbli fuq [...] il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom [...] jagħmlu disponibbli fuq [...] il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li [...]

[...] jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti [...] fil-lista skont l-Artikolu 15(1) jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti [...] għas-Sħubijiet ta' Talent u l-oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz elenkat fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

[...]

Id-disponibbiltà ta' postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol.

3. L-impjegaturi **u entitajiet oħra li jipparteċipaw jew ipparteċipaw** [...] għandhom [...] **iikkonformaw** mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti [...] **rigward** il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi **u entitajiet oħra** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

L-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...] ma għandhomx jitolbu tariffi lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ.

4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...] għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Il-postijiet tax-xogħol vakanti għandhom immedjatement jieqfu milli jkunu viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-każ ta':

- a) **Talba li tkun saret mill-impjegatur parteċipanti jew minn entità parteċipanti oħra lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali biex jitneħħa xi post tax-xogħol vakanti tagħhom jew il-postijiet kollha li kienu sar disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1);**
- b) **Notifika li tkun saret mill-impjegatur parteċipanti jew minn entità parteċipanti oħra lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali li jkunu lestew b'suċċess ir-reklutaġġ ta' persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg għal post tax-xogħol vakanti partikolari, f'konformità mal-Artikolu 13(5);**

- c) Nuqqas ta' tqabbil ma' persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg għal periodu ta' sena;
- d) Notifika lill-Kummissjoni li tkun saret mill-Istat Membru fejn dak l-impjegatur parteċipanti jew entità parteċipanti oħra jkunu stabbiliti li jirtiraw il-parteċipazzjoni tagħhom mir-Riżerva ta' Talent tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 3 (1a). Dawn il-postijiet vakanti għandhom jieqfu milli jkunu viżibbli mhux aktar tard mid-data tal-irtirar ta' dak l-Istat Membru;
- e) Deċiżjoni li ttieħdet mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali li jissospendi jew jirtira l-aċċess ta' impjegatur parteċipanti jew entità parteċipanti oħra, u li jneħħi xi post tax-xogħol vakanti tagħhom jew il-postijiet kollha mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (e).
- f) It-tneħħija tal-okkupazzjonijiet rilevanti wara aġġustamenti fil-lista tal-UE kollha ta' okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema f'konformità mal-Artikolu 15.

5. L-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra [...] għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profilu ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-paragrafu (4b).
6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2), il-punt (e).

Artikolu 14

Lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

- (a) l-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema komuni għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);
 - (b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.
2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

[...] **Aġġustamenti għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha**

1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08, sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tas-suq tax-xogħol **fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew għall-oġettivi tal-politika tal-migrazzjoni tagħhom**. Huma jistgħu jiddeċiedu wkoll li jneħħu l-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema mil-lista madwar l-UE kollha fejn daww ma jikkorrispondux għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tas-suq tax-xogħol **fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew għall-oġettivi tal-politika tal-migrazzjoni tagħhom**. L-aġġustamenti speċifiċi għall-pajjiż għandhom jaffettwaw biss it-tqabbil tal-postijiet tax-xogħol vakanti fl-Istat Membru kkonċernat.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-Istati Membri li jinnotifikaw il-parteeipazzjoni tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3 għandhom jinnotifikaw kwalunkwe żieda jew tneħħija mil-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha mhux aktar tard minn 3 xhur qabel ma jissieħbu fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jinnotifikaw kwalunkwe żieda jew tneħħija mil-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha fi żmien 3 xhur wara l-emendi għall-Anness.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jinnotifikaw lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE aktar żidiet u tneħħijiet mil-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha **kull sitt xhur [...]**.

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-aġġustamenti għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha nnotifikati mill-Punti ta' Kuntatt tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom [...] **jagħmlu disponibbli fuq** il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE daww il-postijiet tax-xogħol vakanti biss li jikkorrispondu għal-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 16

Tiftix u tqabbil

1. L-impjegaturi **u entitajiet oħra** li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
2. L-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...] jistgħu jużaw [...] filtri speċifiċi disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex ifittxu profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg **li jkunu bbenefikaw minn appoġġ speċifiku fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jew qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi** [...].
3. L-impjegaturi **parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra** [...] jistgħu jaċċessaw lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg iġġenerati mill-għodda awtomatizzata ta' tqabbil u abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti.
4. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jaċċessaw lista ta' postijiet tax-xogħol vakanti rilevanti ssuġġeriti iġġenerati mill-għodda awtomatizzata ta' tqabbil.
5. **Il-funzjonament tal-għodda ta' tqabbil awtomatiku għandu jkun irregolat mill-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, legalità u ġustizzja.**

KAPITOLU V

GĦOTI TA' INFORMAZZJONI, [...] FAĊILITAZZJONI TAL-ILMENTI U PROĊEDURI TAL-IMMIGRAZZJONI AĊĊELLERATI

Artikolu 17

Għoti ta' informazzjoni [...]

1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli. **L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni aċċessibbli faċilment fir-rigward tal-entitajiet li huma permessi jagħmlu disponibbli postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3(1).**

Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, għandu jagħmel disponibbli, fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-informazzjoni li ġejja:

- a) Informazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' immigrazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli, kif ukoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri parteċipanti;
- b) spjegazzjoni ċara lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jekk ikunu soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-dħul u s-soġġorn tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri kollha għandhom ikunu pprojbiti.

- ba) spjegazzjoni ċara li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi mhijiex garanzija li twettqu kontrolli tas-sigurtà.**
- bb) spjegazzjoni ċara li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-għażla għal post tax-xogħol vakanti permezz tal-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mhumiex garanzija li wara l-proċess tal-għażla jinħareġ permess tax-xogħol, viża jew permess ta' residenza mill-Istat Membru parteċipanti li fih ikun stabbilit l-impjegatur parteċipanti jew entità parteċipanti oħra.**
- bc) spjegazzjoni ċara li l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra ma għandhomx jitolbu tariffi lil persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ.**

2. [...] **Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jipprovdu informazzjoni speċifika standardizzata** [...] lil persuni minn pajjiżi terzi u rreġistrati li qed ifittxu impjieg **li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE**, lill-impjegaturi **parteċipanti u lil entitajiet parteċipanti oħra** [...], b'mod partikolari fir-rigward ta':

- (a) [...] proċeduri nazzjonali ta' immigrazzjoni biex jinkisbu viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol wara l-proċess tal-għażla;
- (b) [...] proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja;

- (c) [...] id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi inkluż **il-kundizzjonijiet tax-xogħol**, l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u [...] l-mekkaniżmi disponibbli [...] ta' rimedju **u l-mekkaniżmu tal-ilmenti** skont l-Artikolu 18;
- (d) [...] **il-faċilitazzjoni** [...] **tal**-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri oħrajn ta' integrazzjoni;
- (e) fejn disponibbli, **u f'konformità mal-prattika nazzjonali**, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet **nazzjonali kompetenti** li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

[...]

Artikolu 18

Faċilitazzjoni tal-ilmenti

1. [...] **Il-persuni minn pajjiżi terzi u rreġistrati li qed ifittxu impjieg għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali kwalunkwe ksur tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(3) mill-impjegaturi u minn entitajiet parteċipanti oħra li jipparteċipaw u li pparteċipaw.**

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jirreferi l-ilmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

[...].

Artikolu 19

Proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati

1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu, **f'konformità mal-liġi nazzjonali**, jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

[...]

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Attivitajiet ta' monitoraġġ

1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-Artikolu 8(2), il-punt (e). B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:
 - (a) l-għadd u t-tip ta' profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (b) l-għadd u t-tip ta' postijiet tax-xogħol vakanti [...] **li saru disponibbli fuq** il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (c) l-għadd ta' żjarat fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (d) l-għadd u t-tip ta' kollokamenti f'impjegi ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
 - (e) [...]
 - (f) l-għadd ta' kollokamenti f'**impjieg** iffaċilitati permezz tal-**Pjattaforma tal-IT** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent **jew l-oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiżi terzi**.
2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jistabbilixxi l-ġbir tad-data skont il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-istatistika u jiskambja informazzjoni u data mal-Kummissjoni għall-fini tal-kwalità tad-data mġibura skont dan ir-Regolament u l-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

3. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiġbor id-data msemmija fil-paragrafu 1 bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
4. **Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE b'kunsiderazzjoni tal-feedback u l-esperjenzi miġbura fost il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi parteċipanti u entitajiet parteċipanti oħra.**

Artikolu 21

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 22

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat stabbilit minn dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23

Rapportar

1. Sal-31 ta' Diċembru 2031 u kull ħames snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-effettività ta' dan ir-Regolament fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-Istati Membri parteċipanti u l-effettività tal-proċess ta' reklutaġġ, inkluż f'termini tal-iżgurar ta' prattiki ta' reklutaġġ ġusti, u r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri parteċipanti f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Lista ta' okkupazzjonijiet niegşa mill-ħaddiema fl-UE kollha

Kodiċi ISCO	Okkupazzjoni
2142	Inġiniera ċivili
2151	Inġiniera elettriċi
2211	Tobba tal-familja
2212	Prattikanti mediċi speċjalisti
2221	Professjonisti tal-infermerija
2411	Kontabilisti
2511	Analisti tas-sistemi
2512	Żviluppaturi ta' software
2513	Żviluppaturi tal-web u tal-multimedia
2514	Programmaturi tal-applikazzjonijiet
2519	Żviluppaturi ta' software u ta' applikazzjonijiet u analisti mhux ikklassifikati banda oħra
3113	Tekniċi tal-inġinerija elettrika
3221	Professjonisti assoċjati tal-infermerija
5120	Kokijiet
5131	Wejters
5321	Assistenti tal-kura tas-saħħa

7112	Bennejja u ħaddiema relatati
7114	Ħaddiema li jqiegħdu u jlestu l-konkrit u ħaddiema relatati
7115	Mastrudaxxa u ħaddiema li jgħaqqdu l-għamara
7121	Bennejja tas-soqfa
7123	Kaħħala
7126	Plamers u ħaddiema li jwaħħlu l-pajpijiet
7127	Mekkaniċi tal-arja kundizzjonata u tar-refriġerazzjoni
7212	Welders u flame cutters
7213	Ħaddiema tal-folji tal-metall
7214	Preparaturi u installaturi tal-metall strutturali
7223	Setters tal-għodda u operatori tal-magni li jaħdmu l-metall
7231	Mekkaniċi u ħaddiema tat-tiswija tal-vetturi bil-mutur
7233	Mekkaniċi u ħaddiema tat-tiswija ta' makkinarju agrikolu u industrijali
7411	Elektrixins ta' bini u relatati
7412	Mekkaniċi u installaturi tal-elettriku
7511	Bejjiegħa tal-laħam, tal-ħut u preparaturi relatati tal-ikel
8331	Xufiera tal-karozzi tal-linja u tat-tram
8332	Sewwieqa ta' trakkijiet tqal u ta' trakkijiet
9112	Sefturi u assistenti f'uffiċċji, f'lukandi u fi stabbilimenti oħra
3119	Tekniċi tax-xjenza fiżika u tal-inġinerija mhux ikklassifikati band'oħra

2143	Inġiniera ambjentali
2133	Professjonisti tal-ħarsien tal-ambjent
2145	Inġiniera kimiċi
2144	Inġiniera mekkaniċi
3115	Tekniċi tal-inġinerija mekkanika
2141	Inġiniera industrijali u tal-produzzjoni
